



Brussell, 19 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7527/26

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0074 (COD)**

---

---

**DRS 12  
COMPET 355**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Lejn it-28 reġim għall-kumpaniji tal-UE

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 320 final.

Mehmuż: COM(2026) 320 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 18.3.2026  
COM(2026) 320 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Lejn it-28 reġim għall-kumpaniji tal-UE**

## I. Introduzzjoni

**L-UE qed tieħu passi deċiżivi biex iżżid l-ispinta tagħha għall-kompetittività u s-sigurtà ekonomika fi żminijiet ta' bidla.** B'dan il-ħsieb, trid tagħxi b'urġenza, tespandi l-innovazzjonijiet tagħha b'mod aktar deċiżiv, u tgħammar il-qafas ta' politika tagħha biex iżomm il-pass mal-ambizzjoni u mal-ħeffa tat-tellieqa teknoloġika globali. Iċ-ċikli tal-innovazzjoni qed jiqsaru, l-avvanzi teknoloġiċi qed jiżviluppaw simultanjament fis-setturi kollha, u l-kompetizzjoni għat-tmexxija teknoloġika saret aktar qawwija u aktar strateġika.

**L-Ewropa hija kontinent għani bl-innovazzjoni.** Kważi kwint<sup>1</sup> tal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi kollha madwar id-dinja joriġinaw mill-UE. Il-kumpaniji Ewropej għandhom ukoll rwol ewlieni fir-riċerka u l-iżvilupp globali u fil-ħolqien tal-proprjetà intellettuali. Fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli pereżempju, il-kumpaniji tal-UE għandhom 29 % tal-privattivi globali<sup>2</sup>. L-UE tospita wkoll aktar minn 40 000 start-up tat-teknoloġija appoġġati mill-kapital ta' riskju, u toħloq aktar minn kwalunkwe reġjun ieħor globalment.

**Madankollu, il-kumpaniji innovattivi Ewropej isibuha diffiċli biex jespandu u jikkompetu globalment.** L-Ewropa kellha biss 331 unicorn apparagun ta' 1963 fl-Istati Uniti sa mill-2025<sup>3</sup>.

**L-UE teħtieġ qafas aktar abilitanti** biex tippermetti lill-fundaturi, ikun xi jkun is-settur li huma attivi fih, jistabbilixxu faċilment negozju fl-Ewropa, jaċċessaw il-finanzjament, u jespandu fl-UE. L-UE tinsab fi stadju kruċjali fejn hemm il-ħtieġa li jinbnew pontijiet bejn ix-xenqa tagħna għall-indipendenza u l-kompetittività. **Dan jeħtieġ azzjoni ambizzjuża u urġenti.**

Mill-bidu tal-mandat, il-Kummissjoni poġġiet il-kompetittività fil-qalba tal-aġenda tagħha. **Bil-Boxxa għall-Kompetittività** tagħha adottata f'Jannar 2025, hija impenjat ruħha li tippreżenta t-28 reġim, li jagħmilha possibbli għan-negozji tagħna, b'mod partikolari għall-istart-ups u l-iscale-ups innovattivi tagħna, li jibbenefikaw minn sett uniku u sempliċi ta' regoli għall-UE kollha - kull fejn jinvestu u joperaw fl-UE - filwaqt li jkollhom il-benefiċċji sħaħ tas-Suq Uniku. **L-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up u L-Istrateġija tas-Suq Uniku** adottata f'Mejju 2025 għandhom l-għan li jtejbju aktar il-kundizzjonijiet għall-istart-ups u l-iscale-ups, u dan inaqqas ir-raġunijiet għar-rilokazzjoni barra mill-UE.

**Il-proposta EU Inc. hija l-pedament u l-punt tat-tluq tar-rispons tal-Kummissjoni** – sett komprensiv ta' regoli korporattivi li jkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta' kumpanija. Dan jagħmilha aktar faċli biex negozju jibda u jikber fl-Ewropa, jattira l-investment u jnaqqas il-kostijiet tal-falliment. Kull min jixtieq iwaqqaf kumpanija ġdida fl-UE se jkollu l-għażla li jew juża l-forma l-ġdida tal-kumpaniji EU Inc. jew xi forma oħra prevista skont il-liġi nazzjonali, li se tibqa' disponibbli għall-kumpaniji flimkien mal-forma l-ġdida tal-kumpaniji.

**It-28 reġim jirrapreżenta l-offerta tal-Ewropa lin-negozji tagħha, b'mod partikolari l-istart-ups, l-iscale-ups u l-intrapriżi innovattivi tagħha, biex jiġu sfruttati l-benefiċċji tas-Suq Uniku.** Dan se jkun il-perkors għall-kumpaniji tal-Ewropa biex ikollhom il-forma ta' kumpanija Ewropea li tkun rikonoxxuta globalment, jiksbu aċċess rapidu għall-finanzjament u

<sup>1</sup> Ir-rapport Draghi, The future of European competitiveness, p. 230.

<sup>2</sup> Applikazzjonijiet ta' privattivi ta' valur għoli, il-Kummissjoni Ewropea - Science, research and innovation performance of the EU report, 2024.

<sup>3</sup> Il-bażi tad-data Dealroom – ikkonsultata fis-16 ta' Marzu 2026.

joperaw mingħajr xkiel bejn il-fruntieri – fil-kwistjonijiet *kollha* li jikkonċernaw in-negozju tagħhom.

## II. Il-proposta EU Inc.

**L-EU Inc. twieġeb għall-ħtiġijiet tal-intrapriżi innovattivi u tippermettilhom jibdeu u jespandu faċilment fl-Ewropa.** Se tipprovdi qafas legali korporattiv ambizzjuż ġdid fl-Istati Membri kollha, miftuħ għal kull min jidhirlu li huwa tajjeb għall-mudell ta' negozju tiegħu. EU Inc. se tiżgura fost l-oħrajn reġistrazzjoni aktar mgħaġġla (48 siegħa), orħos (massimu sa EUR 100) u kompletament diġitali fir-Reġistru ċentrali futur tal-UE, li testendi l-prinċipju ta' darba biss fir-rigward ta' awtoritajiet oħra, u mingħajr kapital azzjonarju minimu.

**Ir-Reġistru tal-UE se joffri lill-kumpaniji EU Inc. esperjenza tal-utent integrata u bla xkiel,** li tippermettilhom fost l-oħrajn jirreġistraw il-kumpaniji EU Inc., u jaċċessaw informazzjoni ewlenija bħal dwar l-istruttura u l-attivitajiet korporattivi tagħhom.

**L-EU Inc. se tneħħi l-formalitajiet wiċċ imb wiċċ** u l-involvement obligatorju tal-intermedjarji għat-trasferimenti tal-ishma. Din se tipprovdi proċeduri ta' governanza kapitali u korporattivi kompletament diġitali u tippermetti l-użu ta' strumenti ta' finanzjament u ta' kuntratti standardizzati. Dan huwa pereżempju l-każ ta' ftehimiet ta' ekwità futura bħal SAFEs (Ftehimiet Sempliċi għall-Ekwità Futura) li huma ppreferuti mill-investituri. Dan għandu wkoll l-għan li jhegġegħ lill-Istati Membri biex jippermettu lill-kumpaniji EU Inc. jaċċessaw is-swieq regolati.

Il-fundaturi kif ukoll il-kumpaniji eżistenti se jkunu **liberi li jagħżlu l-forma ta' EU Inc.** Il-qafas il-ġdid se jippermetti lill-kumpaniji *kollha* fl-Ewropa, irrispettivament mid-daqs u mill-għan korporattiv tagħhom, li jipparteċipaw u jibqgħu f'dan ir-reġim.

**Dan kollu jġib miegħu l-benefiċċji tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv u tas-simplifikazzjoni għall-kumpaniji kollha.** Il-biċċa l-kbira tal-kumpaniji EU Inc. li għadhom kif ġew iffurmata x'aktarx li jiġu stabbiliti minn persuni fiżiċi u jkunu start-ups innovattivi u scale-ups innovattivi. Għalhekk, it-tnaqqis kumplessiv stmat tal-piż amministrattiv ta' bejn EUR 328 miljun u EUR 440 miljun fuq perjodu ta' 10 snin ikun ta' benefiċċju l-aktar għal dan il-grupp ta' kumpaniji.

**Il-proposta EU Inc. se tinkludi elementi addizzjonali biex jiġi attirat u jinżamm it-talent.** Il-kumpaniji EU Inc. kollha jistgħu jagħżlu li jidħlu fl-iskema komuni tal-UE għall-opzjonijiet ta' stokk għall-impjegati (**I-ESOs fl-UE, employee stock option**). L-impjegati li jingħataw l-opzjonijiet ta' stokk skont l-opzjoni ta' stokk fl-UE għall-impjegati se jkunu soġġetti għat-tassazzjoni fl-UE fil-mument tad-disponiment tal-ishma sottostanti biss. Dan jipprevjeni s-sitwazzjoni ta' ħlasijiet tat-taxxa fin-nuqqas ta' introjtu reali.

Il-fundaturi għandu jkollhom ukoll l-opportunità li jippruvaw u jittestjaw, u li jerġgħu jibdeu mill-bidu. Għaldaqstant, l-istart-ups innovattivi rreġistrati bħala kumpaniji EU Inc. se jkollhom **aċċess għal proċeduri simplifikati ta' insolvenza**, biex jgħinuhom jerġgħu jibdeu aktar malajr. Din il-proposta tikkomplementa l-approssimazzjoni tal-liġijiet sostantivi dwar l-insolvenza miksuba mid-Direttiva li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza, adottata fl-2026. F'dak il-kuntest, dan inkiseb b'mod partikolari billi ġiet prevista proċedura ta' stralċ simplifikata u qafas għall-irkant elettroniku tal-assi.

**Il-kumpaniji EU Inc. se jkunu liberi li jagħżlu l-Istat Membru li fih jinkorporaw ruħhom** u fejn jistabilixxu l-kwartieri ġenerali, filwaqt li jagħmlu użu sħiħ mis-Suq Uniku. **Blacklist ta' Prattiki nazżjonali pprojbiti** se tiżgura li l-kumpaniji EU Inc., ikunu fejn ikunu inkorporati, jiġu ttrattati bl-istess mod bħal kumpaniji oħra b'responsabbiltà limitata ffurmati skont il-liġi nazżjonali. Pereżempju, kumpanija ma għandhiex tintalab li tkun stabbilita jew li jkollha sussidjarja jew rappreżentant lokali fi Stat Membru biex ikollha aċċess għall-appoġġ tal-ġħajnuna mill-Istat, biex teżerċita attività ekonomika jew tikseb awtorizzazzjoni. Ma għandux jiġi miċħud l-użu ta' kont bankarju stabbilit fi Stat Membru ieħor biex tinkiseb awtorizzazzjoni jew titwettaq attività ekonomika.

**Barra minn hekk, il-proposta se tipprovdi salvagwardji biex tipprevjeni kwalunkwe riskju ta' frodi u abbużi potenzjali.** F'dan il-kuntest, EU Inc. tibni fuq il-protezzjonijiet eżistenti fil-liġi nazżjonali u fid-dritt tal-UE.

**Il-fundaturi se jkunu jistgħu jserrħu fuq il-forma l-ġdida tal-EU Inc. bl-istess mod fl-UE kollha.** Dan huwa kruċjali biex jiġi żgurat ir-rikonoxximent tal-EU Inc. mill-komunità globali tal-investment. Għalhekk, l-EU Inc. hija stabbilita permezz ta' **Regolament**. Dan jiżgura qafas koerenti u unifikat ta' regoli armonizzati. B'mod partikolari, il-forma ġuridika l-ġdida se tiġi pprovduta f'kull ordni ġuridika tal-Istati Membri tal-UE.

### **III. Intrapriżi innovattivi, start-ups innovattivi u scale-ups innovattivi**

L-inizjattiva EU Inc. se tappoġġa b'mod partikolari l-istart-ups innovattivi u l-iscale-ups innovattivi biex l-ideat innovattivi jissarrfu f'negozji ta' suċċess globali. Madankollu, **bħalissa ma hemm l-ebda definizzjoni unika tal-UE** għal daww il-kumpaniji, filwaqt li bosta miżuri ta' appoġġ fil-livell nazżjonali u tal-Unjoni huma mfassla biex ikollhom fil-mira intrapriżi innovattivi, start-ups jew scale-ups. Dan jista' jwassal biex dawn il-miżuri ma jkunux effettivi jew jiġu applikati b'mod inkonsistenti bejn l-Istati Membri, u jimpedixxi li s-suq uniku tal-UE jiffunzjona tajjeb.

Għalhekk, bħala parti mill-proposti mressqa f'dan il-pakkett, u kif imħabbar fl-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up, il-Kummissjoni qed tadotta **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-definizzjonijiet ta' intrapriżi innovattivi, start-ups innovattivi u scale-ups innovattivi.** Dawn id-definizzjonijiet jibnu fuq kriterji oġġettivi relatati mal-investimenti f'attivitajiet ta' innovazzjoni, l-età, id-daqs jew it-tkabbir u kriterji stabbiliti sew mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (SMCs, small mid-caps), inklużi l-limiti tad-daqs u l-karatteristiċi strutturali. Hija indirizzata lill-Istati Membri, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u l-Fond Ewropew tal-Investment (FEI). Oħrajn, bħall-Banek u l-Istituzzjonijiet Promozżjonali Nazżjonali (NPBI, National Promotional Banks and Institutions) huma mħeġġa wkoll japplikaw id-definizzjonijiet.

**Id-definizzjonijiet proposti** huma mfasslin biex jipprovdu modi prammatiċi għall-valutazzjoni u t-turija li l-kriterji huma ssodisfati. Prattikament, dan se jippermetti li jittejjbu l-allinjament, il-konsistenza u l-effettività tal-politiki mmirati lejn l-intrapriżi innovattivi, l-istart-ups u l-iscale-ups fl-UE, u jiffaċilita l-ġbir tad-data biex jitkejjel l-impatt ta' dawn il-

politiki. Peress li l-intrapriżi, l-istart-ups u l-iscale-ups innovattivi, b'mod partikolari fl-oqsma tat-teknoloġija profonda, għandhom rwol ewlieni fl-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi, dawn id-definizzjonijiet tal-UE jikkostitwixxu pass importanti lejn UE aktar innovattiva u kompetittiva.

#### IV. Miżuri komplementari għat-28 reġim

##### *Diġitalizzazzjoni*

L-UE se tkompli bl-isforzi biex tnaqqas il-piżijiet amministrattivi, ittejjeb l-aġilità tal-qafas legali tagħha u tissimplifika, filwaqt li tindirizza l-frammentazzjoni u l-ostakli fis-Suq Uniku. Dawn l-isforzi jinkludu l-ewwel nett id-**diġitalizzazzjoni** massima tal-kwistjonijiet kollha relatati mat-twettiq ta' negozju fis-suq uniku. Ambjent 100 % diġitali jippermetti qafas ta' kumpanija verament effiċjenti u kompetittiv li jattira investituri mill-UE u barra minnha. Sabiex jiġi appoġġat ambjent tan-negozju kompletament diġitali, il-qafas għandu jibqa' teknoloġikament newtrali u jippermetti lill-kumpaniji jużaw soluzzjonijiet diġitali bħat-teknoloġija ta' reġistru distribwit, l-ishma tokenizzati u l-kuntratti intelliġenti.

**Il-Kartiera Ewropea tan-Negozju** se tippermetti lill-kumpaniji EU Inc. jagħmlu użu sħiħ mill-għodod diġitali għall-interazzjonijiet kollha tagħhom mal-awtoritajiet pubbliċi u mal-operaturi ekonomiċi fl-Unjoni kollha. Wara li titwaqqaf kumpanija EU Inc., id-data rilevanti kollha se tkun disponibbli fil-Kartieri Ewropej tan-Negozju, għal dawk li jużaw soluzzjonijiet bħal dawn. Dan ifisser li kumpanija EU Inc. tista' tuża l-Kartieri tan-Negozju biex tiegħu azzjonijiet bla sforz ta' xejn, bħas-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa, l-applikazzjoni għal permessi, l-iffirmar u l-iskambju ta' kuntratti mal-awtoritajiet pubbliċi u mas-sħab kummerċjali madwar l-UE, mingħajr il-ħtieġa ta' dokumentazzjoni fiżika jew interazzjonijiet wiċċ imb wiċċ u b'validità legali sħiħa. Il-Kartieri tan-Negozju jippermettu l-ġestjoni kompletament awtomatizzata tal-identità u tad-data tan-negozju, inkluża dik tal-klijenti u tas-sħab kummerċjali.

Barra minn hekk, huwa importanti li tiġi żgurata l-interoperabbiltà u li jiġu evitati duplikazzjonijiet bejn is-sistemi eżistenti li jippermettu diġà d-diġitalizzazzjoni għall-kumpaniji, bħas-**Sistema ta' Interkonnessioni tar-Reġistri Kummerċjali (BRIS, Business Registers Interconnections System)** u r-**Regolament dwar il-Gateway Diġitali Unika**. Permezz tar-Regolament dwar il-Gateway Diġitali Unika, b'mod partikolari, il-Kummissjoni tobligha lill-Istati Membri jipprovdu aċċess online għall-informazzjoni, il-proċeduri u s-servizzi ta' assistenza li n-negozji tal-UE jista' jkollhom b'zonn f'pajjiż ieħor tal-UE. Permezz tas-Sistema Teknika ta' "darba biss" (OOTS, Once-Only-Technical System), l-Istati Membri jistgħu jiskambjaw evidenza u dokumenti b'mod awtomatizzat u sigur. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri huma, jew se jkunu dalwaqt, teknikament lesti biex jużaw din is-sistema, madankollu mhux il-proċeduri u d-dokumenti rilevanti kollha ġew integrati s'issa. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jiprijoritizzaw issa l-integrazzjoni ta' proċeduri u evidenza li huma kritiċi għall-istadji ewlenin taċ-ċiklu tal-ħajja ta' negozju ta' EU Inc., u li jiġġeneraw interazzjoni transfruntiera sinifikanti. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri f'dan l-isforz u ttejjeb l-evidenza disponibbli għall-operat tal-kumpaniji, hija tistieden lill-Istati Membri jidentifikaw il-prijoritajiet rilevanti sat-30 ta' Settembru 2026.

L-istart-ups u l-iscale-ups ta' spiss ibatu minn **kostijiet għoljin u dewmien minħabba s-sottomissjoni ta' traduzzjonijiet iċċertifikati obligatorji ta' dokumenti**, u dawn ifixklu l-kompetittività u l-effiċjenza tagħhom fis-suq. Sistema ta' traduzzjoni awtomatika ċċertifikata bbażata fuq l-IA tista' tappoġġa lill-amministrazzjonijiet pubbliċi biex jifhmu u jaċċettaw dokumenti li joriġinaw minn Stati Membri oħra. Dan inaqqas b'mod sinifikanti l-ostakli lingwistiċi u l-kostijiet tal-piżijiet amministrattivi għall-kumpaniji f'operazzjonijiet transfruntieri. Barra minn hekk, l-użu usa' ta' servizzi multilingwi bbażati fuq l-IA se

tippermetti lill-kumpaniji jikkomunikaw mal-korpi tas-settur pubbliku f'sitwazzjonijiet transfruntieri.

### *Aċċess għall-finanzi*

L-istart-ups u l-iscale-ups jeħtieġu **aċċess rapidu għall-kapital**. Dawn se jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ sħiħ mill-iskala u mill-profondità tas-suq kapitali tal-UE, u mill-firxa ta' opportunitajiet ta' finanzjament, filwaqt li jibnu fuq il-miżuri li qed jiġu adottati taħt l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività u l-Fond Scale-up Europe. Ir-reviżjoni tar-regoli ta' investiment tal-fondi tal-pensjonijiet se ssaħħaħ il-kapaċità tan-negozju li jinvesti f'ekwità kkwotata u mhux ikkwotata. Ir-rieżami li jmiss tar-Regolament dwar il-Fond Ewropew ta' Kapital ta' Riskju se jkompli jippromwovi l-iżvilupp ta' suq aktar dinamiku u integrat għall-fondi ta' kapital ta' riskju u ta' tkabbir. Dawn huma kruċjali għall-kumpaniji start-up u scale-up bi dħul futur inċert u b'nuqqas ta' assi tanġibbli.

### *Nattiraw u nżommu t-talenti*

Il-kumpaniji EU Inc. jeħtieġu wkoll **kundizzjonijiet favorevoli ta' impjeg u tassazzjoni** biex iżommu u jattiraw it-talent u joperaw b'ħeffa bejn il-fruntieri.

Fil-qasam tal-**impjegi**, bil-pakkett li jmiss dwar il-Mobilità tax-Xogħol Ġusta, il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltà li tippermetti 100 % telexogħol transfruntier għall-istart-ups u l-iscale-ups madwar l-Unjoni, bl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-Istat Membru ta' fejn ikun jinsab l-impjegatur. Il-Kummissjoni se tiżviluppa wkoll qafas legali biex tħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-attestazzjonijiet tas-sigurtà soċjali permezz tal-inizjattiva Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali. L-Inizjattiva dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet se jkollha l-għan li tneħħi l-ostakli għall-mobilità tal-ħaddiema marbuta mal-kwalifiki u l-ħiliet, inkluż permezz tad-diġitalizzazzjoni. Il-Kummissjoni se tesplora modi biex tissimplifika l-proċeduri għat-trattament tar-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-kwalifiki u l-ħiliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Dawn il-miżuri se jiġu kkomplementati billi jiġi attirat talent minn barra l-pajjiż permezz tar-Regolament dwar ir-Riżerva ta' Talenti tal-UE, li, ladarba jkun operazzjonali, se jiffaċilita t-tqabbil tal-impjegi fir-reklutaġġ ta' talent mhux tal-UE. Il-Kummissjoni se tesplora aktar il-fattibbiltà ta' "Omnibus" ta' emendi mmirati fil-qafas tal-migrazzjoni legali tal-UE biex tiżgura li dan ikun allinjat mal-oġettivi tal-kompetittività u l-innovazzjoni tal-Unjoni.

### *Tassazzjoni*

Dwar it-**tassazzjoni**, il-Kummissjoni pproponiet sistema tat-Taxxa tal-Uffiċċju Prinċipali (HOT, Head Office Tax) li tippermetti lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) japplikaw ir-regoli tat-taxxa ta' pajjiżhom. Barra minn hekk, l-inizjattiva dwar l-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjt (BEFIT, Business in Europe Framework for Income Taxation) għandha l-għan li tistabilixxi qafas leġiżlattiv uniku għat-tassazzjoni korporattiva fl-UE. Hija meħtieġa l-adozzjoni rapida tal-proposti biex jiġu appoġġati aħjar il-kumpaniji, speċjalment l-istart-ups u l-iscale-ups, li jiffaċċjaw regoli tat-taxxa diverġenti u kumplessi f'kull Stat Membru. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa n-negozjati fil-Kunsill dwar dawn il-fajls. Il-pakkett ta' simplifikazzjoni Omnibus li jmiss dwar it-tassazzjoni diretta għandu jkompli jneħħi l-piżijiet amministrattivi addizzjonali billi jissimplifika l-leġiżlazzjoni eżistenti. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkarakterizzaw u jintaxxaw l-introjt derivat mill-opzjoni ta' stokk fl-UE għall-impjegati bħala gwadann kapitali u mhux bħala introjt mill-impjeg.

### *Qafas legali ċar, prevedibbli u rapidu*

Sabiex tkun tista' ssir applikazzjoni effettiva, effiċjenti u uniformi tar-regoli dwar l-EU Inc., l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jiddedikaw **awla jew qorti ġudizzjarja speċjalizzata** bl-awtorità li tittratta t-tilwim dwar id-dritt tal-kumpaniji EU Inc. Biċ-ċentralizzazzjoni tal-għarfien espert, dan l-approċċ jgħin biex tittejjeb il-konsistenza fis-sentenzi, jiġu minimizzati l-ostakli proċedurali, u jiġi approfondit il-fehim ġudizzjarju tal-aspetti uniċi tal-qafas, u b'hekk tissaħħaħ il-fiduċja tal-investituri u tiġi ffaċilitata l-fiduċja transfruntiera. Filwaqt li dan ma jkunx jeħtieġ l-istandardizzazzjoni tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali, dan jibgħat sinjal ċar tal-impenn tal-Istati Membri biex jiżguraw is-suċċess prattiku tal-qafas. Il-Kummissjoni se tappoġġa l-applikazzjoni effettiva u konsistenti.

Barra minn hekk, l-istart-ups u l-iscale-ups innovattivi jistgħu diġà jibbenefikaw minn qafas stabbli u prevedibbli dwar **il-ġurisdizzjoni tal-qrati, il-liġi applikabbli, inkluża l-liġi tax-xogħol, u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi** fl-Unjoni kollha, għat-tranżazzjonijiet kummerċjali transfruntieri tagħhom. Ir-Regolament Brussell Ia li jittratta l-ġurisdizzjoni internazzjonali u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, bħalissa qed jiġi vvalutat sabiex ikompli jittejjeb l-effetti tiegħu fuq il-kompetittività. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tagħmel disponibbli gwida biex tappoġġa lill-kumpaniji, b'mod partikolari l-istart-ups u l-iscale-ups, permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

## V. **Konklużjoni**

Bil-proposti adottati llum, il-Kummissjoni qed tkompli bl-isforzi tagħha biex tagħmel l-Ewropa l-aħjar post biex kumpanija tibda u tikber, billi tissimplifika u tħaffef l-aċċess għall-opportunitajiet offruti mis-Suq Uniku u ssaħħaħ il-kompetittività.

Il-ħeffa hija essenzjali. Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiproċedu malajr bl-adozzjoni tal-proposta leġislattiva EU Inc. minħabba l-importanza kruċjali tagħha għall-prosperità tal-UE. Il-Kummissjoni se tagħmel l-almu tagħha biex tappoġġa lill-koleġislaturi f'dan ir-rigward bl-objettiv ċar li jintlaħaq ftehim sa tmiem l-2026.

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-progress fl-adozzjoni rapida tal-proposta fil-kuntest tal-Pjan Direzzjonali Ewropa Waħda, Suq Wieħed. Se tkompli timmonitorja l-introduzzjoni tal-miżuri anċillari mressqa f'din il-Komunikazzjoni u tesplora miżuri addizzjonali potenzjali biex issaħħaħ it-28 Reġim.